## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 599/2010 MS*

**Victor Bonavia u Joseph Bonavia**

**Vs.**

**Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali; Onor. Prim Ministru Lawrence Gonzi, għan-nom u in rappreżentanza tal-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) għal kull interess li jista' jkollu; Christopher Borg, fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur tal-Ippjanar fi ħdan l-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) għan-nom u in rappreżentanza tal-imsemmija Taqsima fl-istess Awtorità; u Martin Seychell, fil-kapaċità tiegħu bħala d-Direttur tal-Ambjent fi ħdan l-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) għan-nom u in rappreżentanza tal-imsemmija Taqsima fl-istess Awtorità**

Illum, 5 ta' Diċembru, 2024

Kawża Numru: 2

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi fil-11 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu, wara li ppremettew hekk:

> Illi l-esponenti kienu applikaw that skema pubbblika, skond avviz li deher fil-harga tat-tnejn (2) ta' Awwissu tas-sena elfejn (2000) sabiex il-barriera mqabbla ghandhom minghand il-Gvern ta' Malta, tigi mirduma bit-terrapien u miksija b'metru hamrija, sabiex b'hekk ikunu jistghu jikkultivaw d-dwieli fiha skond ftehim progettat li kellu jsir mas-socjetajiet tal-Marsovin u ta' Delicata Wineries.
>
> Illi minhabba din ir-raguni u minhabba dan l-iskop, huma iffirmaw u dahlu f'kuntratt data 5 ta' April 2002, mad-Dipartiment responsabbli mill-Immaniggjar Strategiku tal-Iskart fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura sabiex isir dan ix-xoghol bil-permessi kollha mehtiega u that is-supervizjoni tal-awtoritajiet pubblici koncernati.
>
> Illi bhala parti mill-kundizzjonijiet espresso li l-Ministeru ghar-Rizorzi u l-Infrastruttura obbliga ruhu kuntrattwalment fuqhom fl-imsemmi kuntratt, kienet li tali operazzjoni ta' xoghlijiet issir f'perijodu ta' sentejn (2) mid-data tal-kuntratt.
>
> Illi bi pregudizzju sostanzjali pero, li ormai qed isir fil-konfront tal-esponenti, jidher illi qed isir abbuz serju minn dan il-kuntratt li qed isarraf f'dewmien irragjonevoli stante li bejn il-Ministeru koncernat, d-Dipartiment jew Awtoritajiet pubblici koncernati inkluz l-Awtorita' ghall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) u n-nies involuti fihom li ghandhom id-dmir li jaraw li r-rekwiziti li hemm bzonn jigu ezawriti fil-hin adegwat, jidher li mhummiex qed josservaw l-importanza ta' dan il-kuntratt u aktar minhekk in-natura tax-xoghol li jinvolvi u l-effetti produttivi tieghu.
>
> Illi fattur aktar serju minn dan huwa li tali xoghol surreferit gie inizzjat u ghadu ma tlestiex u li l-ministeru ghar-Rizorzi u l-Infrastruttura dahal mhux biss

responsabbli ghax-xoghol izda wkoll bhala garanti li x-xoghol jitlesta bil-mod approprjat. Dan jinkludi allura l-obbligu inerenti fuq l-istess Ministeru li japplika u josserva kwanlunkwe direttiva li jkun hemm bzonn biex kemm il-permessi relattivi u hawnhekk tigri rilevata l-applikazzjoni vigenti numru PA 02688/02, u dak kollu konness mal-imsemmija operazzjoni sabiex ix-xogholijiet jimxu id f'id mal-obbligazzjonijiet kuntrattwali li wiehed ikun dahal ghalihom.

Illi din is-sitwazzjoni ormani qed tohloq mhux biss inkonvenjent serju ghal interessi agrikoli tal-esponenti, u anki sarrfet ruhha f'telf serju ta' opportunita'. Dan dewmien allura qed jikkaguna telf ta' dhul finanzjarju li kellhom idahhlu, kieku l-kuntratt gie onorat in toto u x-xoghlijiet kompjuti fiz-zmien stipulat.

komplew billi talbu lill-Qorti jogħġobha:

(a) Tiddikjara u Tikkonferma, li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti, kif ser jigi gustament ippruvat, peres li ma gietx onorata fost ohrajn l-obbligazzjoni kuntrattwali li dahlu ghalija l-intimati fil-konfront tar-rikorrenti li jlestu x-xogholijiet minnhom assunti fi zmien stipulate, kif ser jirrizulta mill-fatti ta' din il-kawza;

(b) Subordinatament, tordna u tikkundanna lill-intimati/I jew min minnhom, sabiex jaghmlu dak spettanti u obbligat minnhom, u dan fi zmien qasir u perentorju, u jekk ikun il-kaz that is-supervizjoni ta' periti nominandi ghal dan l-iskop.

(c) Tillikwida d-danni effettivi kollha sofferti mir-rikorrenti ai termini tal-Artikolu 1135 tal-Kap.16 minhabba dan il-ksur ta' obbligazzjoni, inkluz b'mod partikolari kwalunkwe telf ta' qligh li sofrew l-imsemmija rikorrenti minhabba li tali obbligazzjoni ghalkemm kienet cara hafna fil-kuntratt, qatt ma giet ezawrita u kompletata sa l-ahhar.

(d) Tordna u Tikkundanna lill-intimati in solidum jew min minnhom ihallsu is-somma hekk likwidata in linea ta' danni fi zmien qasir u perentorju.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittra ufficcjali numru 19/2010 ipprezentata fir-Registru tal-Qorti fit-13 ta' Jannar 2010

u notifikata lill-intimati fil-21 ta' Jannar 2010 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli min-notifika tal-imsemmija.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata fl-1 ta' Settembru 2010 mill-konvenuti l-Onorevoli Ministru George Pullicino għan-nom u in rappreżentanza tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali u tal-Onorevoli Prim Ministru Lawrence Gonzi, għan-nom u in rappreżentanza tal-Awtorità għall-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) għal kull interess li jista' jkollu[1], li biha huma eċċepew hekk:

1. Illi preliminarjament u minghajr ebda pregudizzju, l-Onor. Ministru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali u l-Onor. Prim Ministru m'humiex il-legittimi kontradditturi ghall-azzjoni odjerna ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta).

2. Illi in oltre u in via ukoll preliminari u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu prova tat-titolu taghhom fuq l-art in kwistjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandhom jipprezentaw prospett dettaljat tad-danni minnhom pretizi, dan ghal diversi ragunijiet, inkluz sabiex il-konvenuti jkunu f'posizzjoni li jiddefendu ruhhom sew, kif wara kollox huwa dritt taghhom, kontra l-pretensjonijiet tar-rikorrenti sabiex kwalunkwe allegat potenzjal ta' telf ta' qligh ikun dettaljat u preciz u mhux vag u generiku kif inhu sal-lum.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-esponenti qeghdin prezentement jirrespingu t-talbiet tar-rikorrenti bhala nfonfati fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi spjegat ahjar waqt is-smigh u t-trattazzjoni tal-kawza.

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghal-permess, ir-rikorrenti ma sofrewx danni.

6. Subardinatament u minghajr pregudizzju ghal-permess, kull allegat dannu jrid jigi ppruvat skond il-ligi.

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

[1] Fol.23.

3. Rat ukoll ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuti Borg u Seychell fis-6 ta' Settembru 2010[2], li permezz tagħha huma eċċepew dan li ġej:

    1. Illi Christopher Borg u Martin Seychell tharrku inutilment stante li huma ufficjali ta' l-Awtorita u li d-Direttorati ta' l-Ippjanar u tal-Protezzjoni ta' l-Ambjent rispettivi huma parti integrali mill-Awtorita', u hija l-Awtorita illi twiegeb ghall-agir ta' l-ufficjali jew ghad-direttorati taghha.

    2. Illi oltre dan l-ebda wiehed minn dawn iz-zewg ufficjali m'huma vestit bir-rappresentanza legali u guridika ta' l-istess Awtorita.

    3. Illi oltre dan, l-aggravvji tar-rikorrenti ma jinkwadrawx ruhhom fil-provvedimenti ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, oltre il-fatt illi a tenur tal-provvedimenti tas-sub-iniciz (4) ta' l-istess artikolu, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni meta r-rikorrenti jkollhom rimedji ordinarji disponibbli ghalihom.

    4. Illi l-Awtorita' giet imharrka inutilment dan il-ghaliex, l-Awtorita ma hiex parti mill- ftehim data 5 ta' April 2002, li sar bejn l-ahwa Bonavia u id-Dipartiment responsabbli mill-Immaniggjar Strategiku tal-Iskart fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura.

    5. L-applikazzjoni PA 02688/02 ma tistax tigi konkluza stante illegalitajiet li hemm fuq is-sit u dan jipprekludi illi jitkompla il-process tal-applikazzjoni hawn fuq imsemmija.

    6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

4. Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri preżentata mill-konvenuti l-Onorevoli Ministru George Pullicino għan-nom u in rappreżentanza tal-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali u tal-Onorevoli Prim Ministru Lawrence Gonzi fis-16 ta' Marzu 2021[3], li biha huma eċċepew ukoll:

---

[2] Fol.79.
[3] Fol.529.

> Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-azzjoni tal-atturi hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' ħames (5) snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Illi l-esponenti jeċepixxu illi l-azzjoni tal-atturi hija kolpita bil-preskrizzjoni ta' sentejn (2) ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha miġbura, kompriżi l-atti proċesswali fl-interità tagħhom;

6. Rat is-sottomissjonijiet bil-kitba li ġew preżentati;

7. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

8. Illi b'din il-kawża l-atturi jgħidu li l-konvenuti naqsu milli josservaw l-obbligazzjonijiet assunti minnhom permezz ta' kuntratt datat 5 t'April 2002, u għalhekk iridu li l-Qorti tordnalhom jagħmlu dak li ntrabtu li jagħmlu, kif ukoll tordnalhom li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-atturi kellhom iġarrbu minħabba n-nuqqasijiet kontrattwali tal-konvenuti.

9. Il-fatti rilevanti huma dawn.

10. L-atturi huma detenturi ta' territorju tad-daqs ta' madwar sebat itmiem fil-limiti tal-Għargħur, u dan bi qbiela mingħand il-Knisja ta' Ħal Qormi[4] u in segwitu mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet. Dan it-territorju kien intuża għat-tqattigħ tal-blat, iżda wara li ttieħed il-blat li seta' jitqatta', l-antenati tal-atturi kienu radmu parzjalment il-barrieri riżultanti, u bdew jikkoltivawhom bħala għelieqi. Ġie però spjegat li l-irdim li sar f'dawn l-għelieqi kien parzjali fis-sens li ħalla diżlivell, billi żewġ partijiet minn dan it-territorju baqgħu fondi ħafna u dan il-fond ħoloq diffikultà

[4] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Joseph Bonavia, a fol.96.

t'aċċess biex dawn l-għelieqi jinħadmu kif imiss[5]. L-atturi ħasbu biex ikomplu jordmu dawn il-partijiet fondi sabiex iġibuhom ilkoll f'livell wieħed mal-bqija tat-territorju tagħhom[6]. Fil-fatt, fl-4 ta' Ġunju 1999 l-attur Joseph Bonavia kien diġà kiseb permess ta' żvilupp fuq parti mis-sit[7] bin-numru PA/01024/98 «*To open access gate in existing boundary wall and fill part of existing quarry to be used as agricultural land*»[8]. Fost il-kondizzjonijiet imposti f'dan il-permess, li kien validu għal tliet snin, kien hemm li s-sit irid ikun liċenzjat mid-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Ambjent. Dan il-permess kien jolqot parti mis-sit tal-atturi[9].

11. Fil-5 t'April 2002, l-atturi ffirmaw ftehim mal-Ministeru tar-Riżorsi u tal-Infrastruttura, kif rappreżentat mid-Dipartiment għat-Tmexxija tal-Istrateġija u Implimentazzjoni dwar l-Iskart[10]. Ġie miftiehem li l-Ministeru msemmi kellu jiddepożita skart fil-barriera tal-atturi (wara li jneħħi l-ħamrija li seta' kien hemm), u meta din tiġi biex timtela, kellu jqiegħed livell ta' ħamrija b'fond ta' metru. Sabiex dan isir, l-imsemmi Ministeru ntrabat li jipprovdi makkinarju, inġenji u nies sabiex il-barriera timtela kif imiss u skont il-liġi, u dan fi żmien sentejn minn dakinhar tal-ftehim. Wara dan il-perijodu, il-barriera kellha tingħata lura lill-atturi sabiex jagħmlu użu agrikolu minnha. Irriżulta li l-entitajiet li ffirmaw dan il-ftehim kienu jafu bil-permess li kellhom l-atturi u anki bil-kondizzjonijiet u l-estensjoni tiegħu[11].

12. L-atturi kellhom il-ħsieb li, hekk kif il-barriera tingħata lura lilhom mirduma kif miftiehem, jidħlu fi ftehim ma' kumpaniji lokali li jipproduċu nbid, sabiex l-atturi jkabbru d-dwieli ta' dawn il-kumpaniji f'din il-barriera[12]. Ħsieb li l-atturi kienu qed jippruvaw iwettqu billi daħlu f'diskussjonijiet ma' dawn il-kumpaniji[13]. Intqal li l-

[5] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Victor Bonavia, a fol.106.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Joseph Bonavia, a fol.96.
[7] Il-parti mis-sit koperta b'dan il-permess hija ndikata bl-isfar interlineat bil-linji blù fid-dokument eżebit bħala Dok RFX mal-inkartament peritali. Il-bqija tas-sit immarkat bl-isfar fuq l-istess dokument huwa l-parti l-oħra tas-sit li dwarha saret it-tieni applikazzjoni, li se tissemma aktar 'il quddiem. F'dan is-sens ukoll hija x-xiehda mogħtija mill-Perit Ray Farrugia waqt is-seduta peritali tal-5 t'April 2018.
[8] Fol.29.
[9] Ara x-xiehda ta' Joseph Sammut, a fol.126, kif ukoll tal-attur Victor Bonavia in kontro-eżami, a fol.211. Ara wkoll fol.220.
[10] Fol.7.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Raymond Farrugia, a fol.329.
[12] Ara abbozz tal-ftehim, a fol.11 u 14.
[13] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Patrick Xerri, a fol.91, kif ukoll ta' Christian Cremona, a fol.95.

atturi u l-antenati tagħhom ilhom żmien twil fix-xogħol tal-koltivazzjoni tad-dwieli[14].

13. Jidher li fl-aħħar t'April 2002[15] kif ukoll f'Mejju 2002, ix-xogħol ta' rdim kien diġà beda[16], u l-atturi kienu qed jitkellmu biex jidħlu fi ftehim dwar il-koltivazzjoni ta' dwieli fl-għelieqi li kellhom jirriżultaw wara l-irdim tal-barrieri. Raymond Farrugia, direttur tad-dipartiment tal-bini u l-inġinerija fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet, xehed li s-sit li dwaru kien hemm permess favur l-atturi kien diġà ntradam u anki ngħata wiċċ bil-ħamrija u b'hekk seta' jintuża mill-atturi, tant li kienet anki nfetħet trejqa ta' għaxar piedi wisa' sabiex l-atturi jkollhom aċċess għal din il-parti tas-sit[17].

14. L-atti juru li l-atturi applikaw għal liċenzja mal-imsemmi Direttorat tal-Ambjent. Fit-12 t'April 2002[18], id-Direttorat talab ir-rakkomandazzjonijiet tal-Awtorità dwar ir-Riżorsi fuq l-applikazzjoni tal-atturi. Ma jirriżultax li din il-liċenzja però qatt ingħatat[19].

15. L-atturi xehdu[20] li f'Mejju 2002 ix-xogħol ta' rdim kellu jieqaf, u kienu nfurmati li dan seħħ għaliex kien neċessarju permess ieħor mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar[21].

16. Għalhekk tressqet applikazzjoni oħra għal permess ta' żvilupp, li ngħatat in-numru PA/02688/02, bil-proposta tkun «*To fill existing ground depression for re-use as agricultural land (note concurrently land owner will apply for a reservoir through a DNO application)*»[22]. Din l-applikazzjoni, li jidher li saret mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet[23], però damet snin tiġi kkunsidrata, tant li sas-26 ta' Jannar 2009 l-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar kienet għadha qed titlob studji ġodda[24]. Talba għal

[14] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Joseph Bonavia, a fol.98.
[15] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Christian Cremona, a fol.93.
[16] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Patrick Xerri, a fol.90.
[17] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Raymond Farrugia, a fol.330.
[18] Fol.32.
[19] Ara x-xiehda ta' Pauline Agius Farrugia, a fol.281.
[20] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Joseph Bonavia, a fol.100.
[21] Ara wkoll ix-xiehda tal-Perit Shirley Buttigieg, a fol.155.
[22] Fol.33.
[23] Ara x-xiehda ta' Ray Farrugia, a fol.149B, kif ukoll fol.344.
[24] Fol.59.

tagħrif ulterjuri mill-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet saret fil-15 ta' Marzu 2010[25].

17. L-atturi jgħidu li huma spiċċaw fin-nofs bejn l-Awtorità tal-Ippjanar u l-uffiċċjali pubbliċi risponsabbli għad-Dipartiment dwar it-Tmexxija tal-Istrateġija dwar l-Iskart, li bdew iweħħlu f'xulxin[26]. Saru diversi laqgħat[27] u proposti dwar kif il-proġett seta' jkompli għaddej, inkluż billi l-applikazzjoni għall-permess tiġi limitata għall-parti biss mit-territorju tal-atturi[28], iżda l-permess baqa' xorta ma ħariġx, ħlief fil-mori ta' din il-kawża[29].

18. Il-permess ta' żvilupp in kwistjoni fil-fatt inħareġ fit-8 ta' Novembru 2011[30], filwaqt li l-permess ambjentali nħareġ fit-28 ta' Frar 2012[31]. Ġie spjegat li d-dewmien fl-ipproċessar u fid-determinazzjoni tal-applikazzjoni kien dovut għall-fatt li ntalbet informazzjoni mingħand l-applikant li damet biex tiġi provduta[32], kif ukoll bdil fis-*site plan* u fis-sit meritu tal-applikazzjoni, li wassal biex l-applikazzjoni jkollha kull darba tiġi pubblikata mill-ġdid[33]. Dan il-bdil fl-estensjoni tas-sit, konsistenti prinċipalment fl-esklużjoni u mbagħad fl-inklużjoni tal-barriera ż-żgħira tal-atturi, sar dejjem min-naħa tal-applikant. Il-permess finalment inħareġ fuq iż-żewġ barrieri[34]. Intqal ukoll li fiż-żmien tal-ewwel permess, il-protezzjoni tal-ambjent kienet affidata lil dipartiment ieħor tal-Gvern li miegħu saret konsultazzjoni limitata. Meta saret it-tieni applikazzjoni, fl-2002, dak id-dipartiment kien ġie ntegrat fl-Awtorità tal-Ambjent u l-Ippjanar, u l-konsultazzjoni saret interna, fejn saru wkoll diversi talbiet għall-ħtiġiet differenti minn dak id-dipartiment[35].

---

[25] Fol.64.
[26] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Joseph Bonavia, a fol.100. Ara wkoll ix-xiehda bl-affidavit ta' Raymond Farrugia, a fol.331-332.
[27] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Victor Bonavia, a fol.112.
[28] Ara x-xiehda bl-affidavit tal-attur Joseph Bonavia, a fol.101.
[29] Ara x-xiehda ta' Ray Farrugia, a fol.149D.
[30] Ara x-xiehda ta' Bernard Ferry, a fol.256.
[31] Fol.290.
[32] Ara x-xiehda ta' Oliver Magro, mogħtija waqt is-seduta peritali tas-7 t'April 2017.
[33] Ara x-xiehda ta' Bernard Ferry, a fol.257.
[34] Ara x-xiehda ta' Bernard Ferry, a fol.287.
[35] Ara x-xiehda ta' Bernard Ferry, a fol.288-289.

19. Ix-xogħol ta' rdim kien kompletat fl-20 t'April 2012[36].

20. L-attur Victor Bonavia jilmenta li huwa kellu jibqa' jaħdem fil-Korp tal-Pulizija minflok irtira u ħa l-pensjoni tas-servizz. Jgħid li din kienet konsegwenza diretta tal-fatt li l-proġett tad-dwieli baqa' ma mmaterjalizzax bi ħtija tal-konvenuti[37]. L-atturi jilmentaw ukoll minn telf ta' qligħ minħabba li l-attività tal-koltivazzjoni tad-dwieli ma setgħetx tiġi fis-seħħ fiż-żmien miftiehem.

21. Fit-13 ta' Jannar 2010, l-atturi ressqu protest ġudizzjarju kontra l-konvenuti, li ġie debitament notifikat[38].

Ikkunsidrat:

22. Illi jkun utili li qabel xejn il-Qorti tqis l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti dwar min minnhom ma kellux jitħarrek f'din il-kawża.

23. Il-kwistjoni ta' min għandu jitħarrek f'kawża u min allura jkun ġie mħarrek għalxejn hija intimament konnessa mal-premessi u mat-talbiet li l-attur jagħżel li jibbaża l-kawża tiegħu fuqhom. Huma biss dawk il-persuni li fil-konfront tagħhom huma diretti x-xiljiet li jikkostitwixxu l-bażi tal-azzjoni tal-attur li għandhom l-interess neċessarju biex ikunu konvenuti fil-kawża. Interess dan li l-Qrati u l-awturi jirreferu għalih bħala leġittimazzjoni passiva. Fid-deċiżjoni ***Bernard Zammit vs. Emmanuele Formosa et*** (Appell Superjuri, 11 ta' Ġunju 1948)[39] ġie addottat l-insenjament ta' ***Mortara*** li fisser ruħu hekk: «*il convenuto deve essere il contradittore legittimo alla domanda dell'attore, cioè colui dal quale, volontariamente o non, proviene l'impedimento, ossia lo stato di violazione del diritto dell'attore... ... Solo chi è in questa situazione, o vi appare in virtù dell'asserzione dell'attore, può stare contro di lui in giudizio, perchè eventualmente può avere utilità a far respingere l'istanza contenuta nell'azione*».

---

[36] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Raymond Bugeja, a fol.323.
[37] Ara x-xiehda tal-attur Victor Bonavia, a fol.139A, u d-dokumenti eżebiti a fol.140-142.
[38] Fol.540.
[39] Kollezz. Vol.XXXIII.i.662.

24. Kien ukoll miżmum fid-deċiżjoni ***Edgar Urpani pro et noe vs. Continental Meat Co. Ltd*** (Appell Inferjuri, 23/10/2009):

> Dan neċessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oġġett jew it-titolu tal-kawża. Fil-konkret, kif anke rilevat mill-Qorti ta' l-Appell kolleġġjali fid-deċiżjoni in re: "**Frankie Refalo nomine -vs- Jason Azzopardi et**", 5 ta' Ottubru, 2001, biex il-Qorti tistabilixxi jekk parti in kawża kienetx jew le leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra "kellha bilfors tivverifika prima facie, jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti"

25. Issa huwa evidenti mill-premessi tar-rikors ġuramentat tal-atturi li l-azzjoni tagħhom hija kontrattwali fl-indoli tagħha, tant li fil-premessi jingħad li l-kuntratt tagħhom tal-5 t'April 2002 qed jiġi «abbużat» u jitolbu l-eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt kif ukoll danni kontrattwali minħabba ksur tal-obbligazzjoni. Isegwi minn dan li l-uniku kontradittur li jista' jitqies leġittimu f'azzjoni bħal dik huwa l-parti kontraenti li fil-konfront tagħha l-attur ikun qed jaddebita l-inadempjenza u l-morożità.

26. Il-kuntratt ġie ffirmat mill-atturi u l-Ministeru konvenut, kif rappreżentat minn dipartiment partikolari fi ħdanu, u għalhekk il-konvenuti l-oħrajn kollha ma jistgħux jitqiesu kontradittturi leġittimi tal-azzjoni, u għalhekk sejrin jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju.

27. Dwar il-Ministeru konvenut, il-Qorti tinnota li saru sottomissjonijiet fis-sens li l-atturi naqsu meta ma mxewx kif jipprovdi l-artikolu 17(8) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika[40], u ma ħarrkux is-Segretarju Permanenti bħala rappreżentant tal-Ministeru. L-Att imsemmi madanakollu daħal fis-seħħ biss fis-sena 2019, u kwindi snin sħaħ wara li nbdiet din il-kawża.

---

[40] Kapitolu 595 tal-liġijiet ta' Malta.

28. Fl-istess sottomissjonijiet saret ukoll riferenza għall-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Il-Qorti madanakollu ma jidhrilix li l-atturi vjolaw dak li jipprovdi l-artikolu 181B meta pproċedew bil-kawża kontra l-Ministeru konvenut. Wara kollox, il-kuntratt li huma jridu jinfurzaw ġie proprju ffirmat ma' dak il-Ministeru, li għalhekk għandu jitqies «*inkarigat mill-materja in kwistjoni*» fit-termini tad-dispożizzjoni ċitata.

29. Fejn żbaljaw il-konvenuti hu li ma mxewx skont l-artikolu 181A tal-Kodiċi preċitat. Din id-dispożizzjoni tippermetti li f'kawża korp b'personalità ġuridika jiġi ċitat b'ismu biss, mingħajr il-ħtieġa li jiġi ċitat rappreżentant partikolari tiegħu. Din kienet bidla mportanti fis-sistema tal-proċedura ċivili, intiża sabiex tevita sitwazzjonijiet li kienu jiġru fil-passat fejn bdil ta' rappreżentanti ta' korpi ġuridiċi kien iwassal għall-ħtieġa ta' leġittimazzjoni fl-atti u differimenti interminabbli għal dan l-iskop. In-nuqqas tal-atturi fil-fatt wassal biex il-kawża tkompliet kontra rappreżentant ta' Ministeru li ilu li tilef is-setgħat rappreżentattivi tiegħu snin sħaħ ilu, mingħajr qatt ma ġie sostitwit.

*30.* Fortunatament dan in-nuqqas jista' faċilment jiġi rimedjat permezz tas-setgħat li l-artikolu 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jagħti lil din il-Qorti bħala qorti tal-ewwel istanza. Għalhekk fil-parti operattiva ta' din is-sentenza, il-Qorti se tkun qed tordna li l-kliem «*Onor. Ministru George Pullicino, għan-nom u in rappreżentanza tal-*» jitħassru mill-okkju tal-kawża.

Ikkunsidrat:

31. Illi jmiss issa li jiġu kkunsidrati l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-Ministru konvenut dwar il-preskrizzjoni.

32. Il-Ministru konvenut eċċepixxa kemm l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biennali taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili, u kemm dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

33. Huwa miżmum b'mod għal kollox konsistenti li f'azzjonijiet dwar riżarċiment ta' danni, hemm tliet xorta ta' preskrizzjonijiet. Kif qalet din il-Qorti, kif diversament presjeduta, fid-deċiżjoni ***John Bugeja vs. Joseph Gauci*** (28 ta' Novembru 2002): «*Illi, għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri: (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa culpa aquiliana), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin*».

34. Din il-Qorti diġà osservat li l-azzjoni tal-atturi hija waħda maħsuba għar-riżarċiment ta' danni kontrattwali, u għalhekk huwa evidenti li l-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 ma jgħoddx għall-każ odjern.

35. Dik l-eċċezzjoni għalhekk se tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat:

36. Illi l-preskrizzjoni ta' ħames snin hija, madanakollu, applikabbli għal din l-azzjoni.

37. L-atturi iżda jgħidu li din l-eċċezzjoni ma tistax tingħata effett minħabba dak li jipprovdi l-artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili:

> Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

38. Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni ***Edwin Caruana vs. Air Malta plc*** (Appell Superjuri, 15/11/2023):

> Jibda billi jiġi ppreċiżat illi dwar l-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, l--emendi li saru fir-rigward, kemm bis-saħħa tal-Att I tal-2017, kif ukoll bl-Att VIII tal-2017, daħlu fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017 u fl-24 ta' Frar, 2017, rispettivament. Din il-Qorti tasal li taqbel mal-appellanti li l-emendi li jolqtu l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16, m'għandhomx japplikaw għall-każ fejn l-eċċezzjonijiet ta' preskrizzjoni jkunu ġa validament imressqa, qabel ma daħal fis-seħħ l-Artikolu 2160 kif emendat fl-2017. (Ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Sergio Manche v. Carmel Grech** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2018, **Semago Trading Company Limited v. The Stork Enterprises Company Limited** deċiża fis-26 ta' Novembru, 2020 u dik aktar reċenti ta' **Anthony Pandolfino v. Automated Revenue Management Services Limited** fis-26 ta' Ottubru, 2022.)[41]

39. Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) ingħatat formalment fis-16 ta' Marzu 2021, u b'hekk żmien twil wara l-emendi li saru fl-artikolu 2160. Billi l-Ministeru konvenut naqas milli jagħti ġurament minn jeddu li mhux debitur kif trid il-liġi, l-preskrizzjoni eċċepita tibqa' mingħajr effett.

40. Għalhekk anki l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) hija miċħuda.

Ikkunsidrat:

41. Illi anki t-tieni eċċezzjoni tal-Ministru konvenut hija bla fondament. Sabiex jirnexxu f'din il-kawża l-atturi m'għandhomx il-ħtieġa li juru t-titolu tagħhom fuq l-art in kwistjoni. It-titolu legali li jikkostitwixxi l-bażi tal-azzjoni tal-atturi huwa l-kuntratt u mhux il-proprjetà. L-atturi jistgħu ma jkollhom ebda titolu fuq l-art in kwistjoni u jkollhom jedd jagħmlu din il-kawża la darba l-Ministru konvenut intrabat favur tagħhom b'kuntratt. Hija dik ir-rabta li tnissel fl-atturi l-interess ġuridiku neċessarju biex imexxu b'din l-azzjoni.

[41] Fl-istess sens hemm ukoll id-deċiżjoni ***Amparo Laroco Lopez vs. Mary Martin et*** (Appell Superjuri, 11/4/2024).

Ikkunsidrat:

42. Illi niġu għalhekk għall-meritu.

43. Il-pretensjoni tal-atturi hija li l-Ministeru konvenut kiser il-kuntratt tal-5 t'April 2002 meta naqas milli jlesti x-xogħol ta' radam fil-barrieri tal-atturi fiż-żmien miftiehem ta' sentejn mill-kuntratt. L-atturi jgħidu li għal dan id-dewmien jaħti l-Ministeru konvenut, li għalhekk għandu jwieġeb għad-danni.

44. Fil-kuntratt li jikkostitwixxi l-pern tal-kawża, il-Ministeru konvenut intrabat, fost ħwejjeġ oħra, li: «*The Ministry will carry out the described operations over a period of two years from the agreement date*»[42]. Il-ftehim però jgħid ukoll: «*Filling operations will extend to the area marked in blue and green (on the attached plan) only on the granting of development permission and a site license as per LN128/97 from the Malta Environmental & Planning Authority*».

45. Għalkemm hu minnu li f'parti minnu l-kuntratt jgħid li l-irdim tas-sit għandu jkun kompletat fi żmien sentejn mill-ftehim, f'parti oħra jingħad li l-irdim se jsir biss malli jkun hemm il-permess ta' żvilupp u l-liċenzi ambjentali meħtieġa skont il-liġi.

46. Issa fil-Kodiċi Ċivili nsibu dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet:

> 1008. Il-klawsoli kollha ta' kuntratt jitfissru l-waħda bl-oħra, billi lil kull klawsola jingħata s-sens illi jidher mill-att kollu.
>
> 1009. Fid-dubju, il-konvenzjoni tiġi mfissra kontra dak li favur tiegħu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni.

47. Hija għalhekk regola elementari tal-ermenewtika kontrattwali dik li ebda klawsola jew stipulazzjoni f'kuntratt m'għandha tinqara u tinftiehem b'mod iżolat, iżda

[42] Fol.9.

għandha tiġi kkunsidrat fil-kuntest tal-ftehim kollu sabiex tingħata t-tifsira li riedu jagħtuha l-kontraenti (ara, per eżempju, ***Terres Co. Ltd. et vs. L-Għajn Construction Company Limited et***, Appell Superjuri, 28 t'April 2017).

48. Din il-Qorti għalhekk ma tistax ħlief tikkonkludi li t-terminu ta' sentejn biex jitlesta l-irdim tal-barrieri in kwistjoni ma kienx terminu sempliċi li beda jiddekorri minnufih, iżda kien miżmum b'kondizzjoni sospensiva rigwardanti l-ħruġ tal-permessi u l-liċenzi neċessarji. L-artikolu 1063 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:

> 1063. (1) Il-kondizzjoni suspensiva hija dik illi tagħmel l-eżistenza tal-obbligazzjoni tiddependi minn ġrajja li għad trid tiġri u li mhix żgura.
> (2) L-obbligazzjoni taħt kondizzjoni suspensiva ma teżistix qabel ma l-ġrajja tiġri.

49. Dan ifisser li l-obbligazzjoni tal-Ministeru konvenut li jordom il-barrieri tal-atturi kif miftiehem ma kinitx teżisti u baqgħet ma teżistix sakemm il-permessi kienu għadhom ma nħarġux. «*Fino a che la condizione sospensiva è in sospeso, ossia, fino a che si è ancora incerti se sarà o no adempiuta, l'obbligazione sottomessa a questa condizione è senza forza giuridica*»[43].

50. Issa l-ġrajja li minnha kienet tiddependi l-eżistenza tal-obbligazzjoni assunta mill-Ministeru konvenut, u ċjoè l-ħruġ tal-permessi u l-liċenzi msemmija, damet snin twal ma ġiet fis-seħħ. Dewmien li, mill-provi prodotti, il-Qorti ma tistax ħlief tattribwixxi lill-applikanti taħt dik l-applikazzjoni, li ġew delegati mill-Ministeru konvenut biex iressqu u jmexxu l-proċess tal-applikazzjoni. Jidher manifest li d-dewmien li seħħ fl-ipproċessar tal-applikazzjoni kien dovut għal nuqqas ta' komunikazzjoni u inerzja gravi bejn l-applikanti (ċjoè d-Dipartiment tax-Xogħlijiet kif delegat mill-Ministeru konvenut) u l-Awtorità tal-Ippjanar u d-Dipartiment tal-Protezzjoni tal-Ambjent fi ħdanha. Sitwazzjoni li poġġiet lill-atturi f'limbu Kafkesk li minnu ma tkunx tista' toħroġ, tipprova kemm tipprova, u li ddur kemm iddur fih tispiċċa biss biex titkebbeb aktar.

[43] ***Zachariae***, Corso di Diritto Civile Francese (Napoli, 1851), Vol.I, paġ.241.

51. Il-kwistjoni li tinteressa lil din il-kawża qabel xejn hija dwar x'rimedji kellhom l-atturi la darba l-ġrajja li setgħet iġġib fis-seħħ l-obbligazzjoni assunta favur tagħhom ma kinitx se tiġri bi ħtija tal-Ministeru konvenut. It-tweġiba tinsab fl-artikolu 1060 tal-Kodiċi Ċivili:

> 1060. (1) Il-kondizzjoni titqies li seħħet meta d-debitur obbligat taħt dik il-kondizzjoni jkun dak li impedixxa li tiġri.
> (2) Id-dispożizzjoni ta' dan l-artikolu ma tgħoddx fil-każ li l-impediment ikun minħabba fl-eżerċizzju ta' jedd leġittimu illi ma kienx maħsub fil-ftehim.

52. Din il-Qorti diġà kellha okkażjoni teżamina din id-dispożizzjoni fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet ***Marica Cutajar vs. Turnkey Creative Limited*** (7 ta' Diċembru 2023) meta osservat dan li ġej:

> Dwar l-artikolu 1178 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, li huwa identiku għall-artikolu 1060 tal-Kodiċi tagħna, ***Baudry Lacantinerie*** u ***Barde*** jgħidu: «*Dall'art.1178 risulta, che, per poter invocare la sua disposizione, lo stipulante deve provare che il promittente ha, per sua colpa o negligenza, impedito l'adempimento della condizione. Questa è la sola prova che il legislatore gli impone. Lo stipulante non sarebbe dunque tenuto a dimostrare, che la condizione si sarebbe verificata, se il promittente non avesse impedito il suo verificarsi*»[44]. Anki l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna żammet ferm mal-ħsieb li, fejn tassew kondizzjoni ma sseħħx minħabba fatt tad-debitur, ikun anti-ġuridiku li dak id-debitur jitħalla jgawdi min-nuqqas tiegħu stess (viz. ***Marchese Salvatore Mallia Tabone vs. Marchesa Maria vedova del Marchese Antonio Mallia Tabone et***, Prim'Awla, 14/11/1871[45]; ***Inġinier Ċivili u Arkitett Arturo Galea vs. Giuseppe Micallef et***, Prim'Awla, 8/10/1935[46]). Huwa biss meta l-impediment ikun maħluq mid-debitur b'eżerċizzju ta' dritt leġittimu tiegħu li d-dispożizzjoni in eżami ma tiskattax. Fuq it-tagħlim ta' ġuristi bħal ***Pothier***

[44] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Obbligazioni, Vol.II, §807.
[45] Kollezz. Vol.V.632.
[46] Kollezz. Vol.XXIX.ii.673.

> u ***Toullier***[47], jingħad li jkun hemm eżerċizzju ta' dritt leġittimu meta l-impediment ikun maħluq mill-persuna obbligata billi din tieħu azzjoni biex tippreserva l-jeddijiet leġittimi tagħha[48].

53. Kif diġà ssemma, il-Qorti ma tistax ħlief tqis li l-kondizzjoni tal-permessi ma seħħitx bi ħtija tal-Ministeru konvenut u tad-delegati tiegħu fil-proċess tal-applikazzjoni. Nuqqasijiet li pruvaw jiġu attribwiti lill-Awtorità tal-Ippjanar. Ma jistax jiġi miċħud li kien hemm xi nuqqasijiet fil-komunikazzjoni bejn fergħat differenti tal-istess Awtorità. Madanakollu l-provi juru li n-nuqqasijiet prinċipali kienu ġejjin min-naħa tal-applikant fil-proċess tal-ippjanar, li naqas milli jipprovdi tagħrif mitlub mill-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll minħabba bidliet fil-pjanti sottomessi li ħolqu n-neċessità ta' pubblikazzjoni mill-ġdid għal aktar minn darba. Ix-xhieda mressqa mill-Ministeru konvenut jgħidu li l-ħtiġiet mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar ma kienux tassew neċessarji u kienu superfluwi, u fl-istess waqt jgħidu li dawn kienu provduti żmien qabel. Intqal ukoll illi xi tagħrif mitlub mill-Awtorità tal-Ippjanar kien superfluwu għaliex ix-xogħol kien sar diġà. Bħallikieku l-fatt li x-xogħol li għalih qed jintalab permess sar qabel ma kellu jsir ifisser li min japplika għall-permess jeżenta ruħu mill-ħtiġiet għal dak il-permess. Dan apparti l-fatt li l-irdim li sar bla permess sar bi ħtija tal-Ministeru konvenut stess, u għalhekk huwa għandu jwieġeb għall-konsegwenzi kollha[49]. Ir-raġunijiet miġjuba mill-Ministeru konvenut ma jeżentahx mill-ħtija tad-dewmien la darba l-atti juru li minkejja diversi laqgħat, kien hemm dewmien inġustifikat min-naħa tal-applikant sabiex jottempora ruħu ma' dak rikjest minnu mill-Awtorità tal-Ippjanar, u li dwaru l-istess applikant kien obbligat li jottempora ruħu, anki jekk ma jaqbilx ma' dak li kien qed jintalab minnu. Il-Qorti hija tal-fehma li l-applikazzjoni tal-atturi dwar il-ġiebja ma kellhiex

---

[47] Entrambi huma espressament ċitati minn Sir Adriano Dingli fin-notamenti tiegħu għall-artikolu 766 tal-Ordinanza VII tal-1868, li llum huwa l-artikolu 1060.

[48] ***Toullier*** jispjega: «*Il creditore non può allegare per scusa ch'è stato impedito di adempire la condizione per causa del debitore condizionale, se costui non ha fatto altro ch'esercitare verso il primo un diritto legittimo. Per esempio, mio padre vi ha legato la sua casa, se, tra il mese della sua morte, diate 3,000 fr. a Pietro, se andiate a Parigi. Io ho fatto pignorare e vendere i vostri mobili per una somma che voi mi dovevate personalmente; io vi ho fatto imprigionare, perchè il mio credito portava l'arresto personale. Voi non potete allegare per scusa dell'inadempimento della condizione questi fatti succeduti per vostra colpa, e che potevate far cessare pagandomi. Io non ho fatto che avvalermi del mio diritto :* non omne ab haeredis persona interveniens impedimentum, pro expleta conditione, cedit*; L. 38 ff. de status lib. 40, 7*» (Corso di Diritto Civile Francese, Tomo VI, §609, n.1). L-istess jikteb ***Pothier*** (Trattato delle Obbligazione, §212).

[49] Ara x-xiehda tal-Perit Ray Farrugia mogħtija waqt is-seduta peritali tal-25 ta' Settembru 2019.

effett la determinanti u lanqas sostanzjali fuq id-dewmien li laqat l-ipproċessar tal-applikazzjoni li għaliha kien responsabbli l-Ministeru konvenut.

54. La darba għalhekk kien il-Ministeru konvenut u r-rappreżentanti mqabbdin minnu li mpedew il-ġrajja milli sseħħ, il-liġi trid li l-kondizzjoni titqies li seħħet.

55. Il-Qorti sejra tqis li l-kondizzjoni seħħet fl-aħħar tas-sena elfejn u ħamsa (2005), billi tqis li l-perijodu ta' aktar minn tliet snin kellu jkun suffiċċjenti sabiex l-applikazzjoni tiġi proċessata u jkun hemm deċiżjoni negattiva jew pożittiva dwar l-applikazzjoni. Kull żmien lil'hinn minn dak il-perijodu ma jistax ħlief jitqies bħala l-frott tad-dewmien li l-Qorti sabet li seħħ bi ħtija tal-Ministeru konvenut, kif spjegat. La l-kondizzjoni seħħet fl-aħħar tas-sena 2005, il-perijodu ta' sentejn maħsub fil-kuntratt beda għaddej minn dakinhar, li jfisser li l-Ministeru konvenut jitqies li kien fi ksur tal-ftehim fl-1 ta' Jannar 2008. Wara kollox l-artikolu 1130(1) tal-Kodiċi Ċivili jgħid bl-aktar mod ċar illi: «*Jekk l-obbligazzjoni tkun li wieħed għandu jagħti jew jagħmel, u fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien, id-debitur jiġi mqiegħed in mora bl-egħluq biss ta' dak iż-żmien, bla ħsara, għal dawk li huma mgħaxijiet imsemmijin fl-artikolu 1141, tad-dispożizzjonijiet ta' dak l-artikolu*».

56. Għalhekk il-Ministeru konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni mġarrba mill-atturi b'konsegwenza tad-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni tiegħu b'effett mill-1 ta' Jannar 2008 sal-bidu tas-sena 2012, u ċjoè ż-żmien li fih il-Ministeru konvenut finalment wettaq l-obbligazzjoni tiegħu.

Ikkunsidrat:

57. Jonqos biss li tiġi likwidata l-ħsara li ġarrbu l-atturi. L-artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili jrid li: «*...id-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef*». Jidher li l-atturi qiegħdin jippretendu prinċipalment it-telf tal-qligħ.

58. Il-Qorti mhux qed taċċetta l-pretensjoni tal-attur Victor Bonavia għall-pensjoni mtellfa lilu. Kienet deċiżjoni tiegħu li jkompli jaħdem minflok jirtira, u għax għażel li jkompli jaħdem, irċieva salarju minflok pensjoni, liema salarju ma kienx jirċievi kieku huwa waqaf jaħdem. Tassew li l-pensjoni kien jirċeviha mingħajr il-ħtieġa li jmur għax-xogħol, però jibqa' l-fatt li d-deċiżjoni tiegħu li jkompli jaħdem minflok jirtira, anki jekk kienet animata mill-fatti li xprunaw din il-kawża, ma wasslux biex hu jitlef finanzjarjament.

59. Mhux l-istess però jingħad għall-attività tad-dwieli li baqgħet ma seħħitx. Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi li ġabu l-atturi li din l-attività kienet waħda ġenwinament maħsuba u li aktarx kienet se timmaterjalizza ruħha kieku l-Ministeru konvenut wettaq l-obbligi tiegħu bid-diliġenza meħtieġa mil-liġi. In-nuqqas ta' dik id-diliġenza għalhekk wassal biex l-atturi jġarrbu telf li għalih għandu jagħmel tajjeb l-istess Ministeru konvenut.

60. Sabiex tassistiha f'din il-kawża, din il-Qorti kif kienet diversament presjeduta nnominat perit vitikulturista kif ukoll perit legali. Il-perit vitikulturista ppreżentat ir-rapport tagħha fit-22 ta' Novembru 2023[50]. L-atturi għamlu eskussjoni tagħha bil-kitba, li ġiet imwieġba fit-13 ta' Mejju 2024.

61. Kif intqal fid-deċiżjoni ***Mario Galea vs. Malta Freeport Terminals Limited et*** (Appell Superjuri, 22 ta' Ġunju 2022):

> Jibda billi jiġi osservat li f'materja ta' perizja teknika bħalma hija dik medika, għalkemm Qorti mhix marbuta li taċċetta l-konklużjonijiet ta' perit tekniku kontra l-konvinzjoni tagħha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt, dan ma jfissirx pero`, illi Qorti dan tista' tagħmlu b'mod leġġer jew kapriċċjuż. Il-konvinzjoni kuntrarja tal-Qorti għandha tkun ben informata u bbażata fuq raġunijiet li gravament ipoġġu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju, 1998, fil-kawża fl-ismijiet **Philip Grima v. Carmelo Mamo et noe**). Fil-fatt fis-sentenza tagħha tad-19 ta`

[50] Fol.629.

Novembru, 2001, fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Calleja nomine v. John Mifsud**, din il-Qorti qalet hekk:

*"Gie infatti ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "John Saliba vs Joseph Farrugia" deciza fit-28 ta' Jannar 2000 illi:-*
*"Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika."*

62. Permezz tat-tweġibiet tagħha in eskussjoni, l-perit vitikulturista pproġettat, anki abbażi ta' ċertu assunzjonijiet li inevitabbilment kellha tagħmel kif spjegat minnha, il-qligħ li l-atturi seta' kellhom fuq medda ta' għoxrin sena. Hija qieset dan il-perijodu ta' żmien kif intalbet tagħmel mill-atturi li eskutuha. Il-Qorti però ma jidhrilix li l-atturi jistgħu jippretendu riżarċiment ta' danni minħabba dewmien għal perijodu li jmur lil'hinn minn dak l-istess dewmien. La darba l-Ministeru konvenut wettaq dak li kellu jagħmel f'April tas-sena 2012, l-atturi setgħu minn dak iż-żmien jimplimentaw il-proġett tad-dwieli u jekk m'għamlux hekk, mela t-telf fil-qligħ minn dak il-punt 'il quddiem ma kienx aktar dovut għall-ksur tal-kuntratt imma għal deċiżjoni tagħhom.

63. Jekk wieħed jieħu l-proġettazzjonijiet magħmula mill-perit vitikulturista fit-tweġibiet tagħha għall-eskussjoni preżentati fit-13 ta' Mejju 2024 u jaddatta dawk il-proġettazzjonijiet għaż-żminijiet identifikati mill-Qorti bħala l-perijodu li għalih

il-Ministeru konvenut huwa obbligat li jagħmel tajjeb għat-telf imġarrab mill-atturi (ċjoè mill-1 ta' Jannar 2008 sal-20 t'April 2012), għandu jirriżulta li l-qligħ imtellef (wara t-tnaqqis tal-ispejjeż raġjonevolment inkorsi u kkunsidrat li d-dwieli ma ħallewx frott qabel it-tielet sena), għandu jirriżulta dan li ġej:

a. L-ewwel sena (2008): telf ta' -€6,421
b. It-tieni u t-tielet snin (2009 u 2010): qligħ ta' €9,558
c. Ir-raba' sena (2011): qligħ ta' €11,726
d. L-ewwel terz tal-ħames sena (2012): €3,909
   Total: €18,772

64. Dan għalhekk hu l-qligħ li d-dewmien tal-Ministeru konvenut ikkaġuna lill-atturi.

65. Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tordna li l-kliem «*Onor. Ministru George Pullicino, għan-nom u in rappreżentanza tal-*» jitħassru mill-okkju tal-kawża;

(ii) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Onor. Prim'Ministru Lawrence Gonzi nomine u tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, iżda tiċħad dik l-eċċezzjoni sa fejn saret mill-Ministeru konvenut;

(iii) tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenuti Borg nomine u Seychell nomine u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju;

(iv) tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-Ministeru konvenut dwar il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili;

(v) tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tal-Ministeru konvenut dwar il-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

(vi) tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet tal-Ministeru konvenut;

(vii) tilqa' l-ewwel talba tal-atturi billi tiddikjara li ġew leżi d-drittijiet tagħhom meta l-Ministeru konvenut naqas li jlesti x-xogħol li ntrabat li jagħmel fiż-żmien miftiehem;

(viii) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba billi l-meritu tagħha ġie eżawrit fil-mori tal-kawża;

(ix) tilqa' t-tielet talba u tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' tmintax-il elf seba' mija tnejn u sebgħin Ewro (€18,772);

(x) tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-Ministru konvenut jħallas din is-somma ta' tmintax-il elf seba' mija tnejn u sebgħin Ewro (€18,772) lill-atturi, bl-imgħax legali dekorribbli mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv;

(xi) tordna li l-Ministeru konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża, ħlief dawk tal-konvenuti Borg nomine u Seychell nomine, li għandhom jibqgħu sopportabbli mill-atturi.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur